KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA'LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 328**

**It-Tnejn 28 ta' Novembru, 2016**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Karol Aquilina – Sindku
Is-Sur Julian Borg– Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Dr Alessia Psaila Zammit – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Dr Karol Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

**328.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

328.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija ta' Dr Alessia Psaila Zammit u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**328.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

328.2.1 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-laqgħa numru 327 jkunu approvati. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**328.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

328.3.1 Is-Sindku qal li waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet b'rabta mal-għoti ta' wiċċ ġdid lil Triq id-Dejqa, il-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet kien imblokka s-sistema tad-dranaġġ ta' waħda mir-residenzi. Dan kien wassal biex nhar l-24 ta' Diċembru 2015, far id-dranaġġ ġo residenza privata. Il-kuntrattur li wettaq ix-xogħlijiet fit-triq ġie nfurmat u peress li ma kienx f'pożizzjoni li jirrimedja s-sitwazzjoni b'mod urġenti, tqabbad kuntrattur ieħor tal-Kunsill u ċjoè is-Sur Nicky Farrugia biex jagħmel ix-xogħlijiet b'mod urġenti. Is-Sindku spjega wkoll li sussegwentement is-sid tar-residenza privata ppreżenta wkoll irċevuta ta' xi ħsarat li kienu saru fil-proprjetà tiegħu. Is-Sindku ppropona li l-ammont tal-ħlas tax-xogħlijiet li sarumill-kuntrattur Nicky Farrugia kif ukoll l-kumpens lis-sid tal-proprjetà jiġu mnaqqsa mill-kont finali tal-kuntrattur li kien inkarigat jagħmel ix-xogħlijiet fi Triq id-Dejqa. Is-Sindku ppropona wkoll li l-Kunsill jħallas mill-ewwel lill-kuntrattur Nicky Farrugia u lis-sid tal-proprjetà privata. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Kunsill qabel unanimament.

328.3.2 Is-Sindku qal li kien rċieva talba mill-*Clubs* kemm tal-*football* kif ukoll tal-*basketball* biex iċ-ċentru sportiv il-ġdid jissemma' għad unur is-Sur John Debattista. Is-Sindku stqarr li huwa jaqbel ma' din il-proposta u għalhekk ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

328.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien qed ifassal proposta dwar kif għandu jinqasam il-kuntratt tal-Contracts Manager biex ix-xogħol isir b'mod aħjar. Huwa qal li kien ser jippreżenta proposta dwar dan fis-seduta li jmiss.

328.3.4 Is-Sindku qal li flimkien mal-Arċipriet tas-Siġġiewi kien rċieva stedina mingħand is-Sinj. Monia Franceschini mill-Comune ta' Ruma fl-Italja biex delegazzjoni mis-Siġġiewi żżur Bari minn nhar l-4 sas-7 ta' Diċembru 2016 bil-għan li jsiru taħdidiet b'rabta ma' proġett b'fondi mill-Unjoni Ewropea biex tinħoloq rotta ta' San Nikola mir-Russja sal-Greċja. Is-Sindku spjega li ftit jiem qabel saret laqgħa mas-Sinj. Franceschini fil-preżenza tal-Ariċpriet u rappreżentanti ta' numru ta' għaqdiet tas-Siġġiewi u li huma nvoluti fil-festa ad unur San Nikola. Is-Sindku spjega l-programm li ġie propost għal din iż-żjara u ppropona li l-Kunsill jaċċetta li jkun parti mid-delegazzjoni. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li matul iż-żjara ser jitkellem mas-Sindku ta' Bari jew rappreżentant tiegħu dwar il-possibilità li jsir ġemellaġ bejn is-Siġġiewi u Bari. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa f'din l-inizjattiva filwaqt li sar qbil ukoll li d-delegazzjoni għandha tkun iffurmata mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv u mill-Kunsillier responsabbli mill-

ġemellaġġi u ċjoè l-Perit Julian Borg flimkien ma' rappreżentant minn kull għaqda li għandha sehem fl-organizzazzjoni tal-festa ad unur San Nikola. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill li l-ebda spejjeż b'rabta ma' din iż-żjara ma kienu ser jitħallsu mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**328.4 Azzjoni dwar *plots* vojta**

328.4.1 Is-Sindku tkellem dwar il-problemi li jinħolqu minn numru ta' plots vojta fiz-zona urbana tal-lokalità minħabba skart li qed jintefa' fihom b'mod illegali u abbużiv. Is-Sindku qal li kien qed jitlob lill-membri tal-Kunsill sabiex fis-seduti li jmiss iressqu suġġeriment dwar kif l-aħjar il-Kunsill jaġixxi dwar dawn il-każijiet u x'azzjoni għandha tittieħed b'mod dirett mil-Kunsill biex dawn il-problemi jissolvew. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett jiġi diskuss f'waħda mil-laqgħat li jmissu.

**328.5 Laqgħa tal-lokalità**

328.5.1 Is-Sindku fakkar li l-laqgħa tal-lokalità se ssir nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru fis-6.30p.m. fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi. Is-Sindku spjega li bħal ma jsir dejjem, fil-bidu tal-laqgħa ser jagħmel preżentazzjoni dwar il-ħidma li jkun wettaq il-Kunsill matul l-aħħar sena u x'ħidma hija ppjanata li ssir matul is-sena 2017.

**328.6 Miżuri ta' sigurtà fi Triq Mons. Mikiel Azzoppardi**

328.6.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li kien għadu għaddej il-proċess biex tkun installata *speed camera* fi Triq Mons. Mikiel Azzoppardi. Huwa qal li kellu laqgħa fuq il-post mal-Kap Eżekuttiv tal-LESA u ġie identifikat il-post fejn eventwalment għandha tiġi installata l-i*speed camera* f'din it-triq.

**328.7 Attivitajiet matul is-sena 2017**

328.7.1 Is-Sindku talab lill-kunsilliera biex sas-seduta li jmiss jippreparaw lista tal-attivitajiet li jixtiequ li l-Kunsill jorganizza matul is-sena 2017.

**328.8 Proġett taċ-ċentru Ċiviku**

328.8.1 Is-Sindku informa lil membri li ġiet ippreżentanta l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar it-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li tinkludi l-bini ta' *Night Centre* għall-anzjani.

**328.9 Attivitajiet fil-konfini tal-Buskett**

328.9.1 Is-Sindku spjega kif matul il-ġimgħat li għaddew kienu ġew stabbiliti numru ta' zoni fil-Buskett li dwarhom ikun jista' jinħareġ permess mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi biex jintramaw gabbani waqt attivitajiet li jsiru f'dik iż-żona. Iż-żoni stabbilliti ġew imfassla b'kordinazzjoni bejn l-ERA, id-Dipartiment tal-PARKS u l-Pulizija. Is-Sindku propona li qabel jinħareġ permess biex tintrama gabbana fiz-zona tal-Buskett l-applikant irid iġib *no objection* mill-ERA u mid-Dipartiment tal-PARKS qabel jiġi japplika għall-permess mill-Kunsill Lokali. Din il-proposta kienet issekondata mill-Kunsillier Julian Borg. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**328.10 Inventarju tal-kunsill**

328.10.1 Is-Sindku qal li rċieva talba mis-Segretarju Eżekuttiv biex dawn l-oġġetti li huma proprjetà tal-Kunsill jitneħħew mil-inventarju tal-Kunsill peress li ma kienux baqgħu jaħdmu.

1. Printer CANNON, KRW 62875;
2. UPS Dialog DG 1600; u
3. HP Printer Q6455A.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**328.11 *Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

328.11.1 Il-Kunsillier Julian Borg tkellem dwar il-preparamenti għall-attività Pjazza Milied fis-Siġġiewi.

328.11.2 Il-Kunsillier Domenic Grech tkellem dwar proposta mressqa lilu minn grupp ta' studenti tal-P.E. fl-Università ta' Malta biex issir attività sportiva fis-Siġġiewi. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill Domenic Grech għandu jikkoordina din l-attività.

**328.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

328.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ppropona li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat. Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**328.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2016**

328.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-*accountants* dwar it-tielet kwart tas-sena 2016. Is-Sindku ppropona li dan ir-rapport ikun approvat. Il-Kunsillier Domenic Grech issekonda. Ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu mill-Kunsill.

**328.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

328.14.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.45p.m. u s-Sindku ppropona li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 19 ta' Diċembru 2016 fis-7.00 p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 19 ta' Diċembru 2016.

L-Avukat Karol Aquilina
Sindku

Keith Galea
Segretarju Eżekuttiv